

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2008/2236(INI)

9.12.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-reviżjoni tal-"Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat"
(2008/2236(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Danutė Budreikaitė

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-fatt li tnejn mis-sbatax-il pajjiż fi ħdan l-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENPI) huma kklassifikati bħala pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mill-Kumitat għall-Assistenza għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għal Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku; jinnota f'dan il-kuntest li għalkemm l-ENPI tinvolvi l-promozzjoni tat-tnaqqis tal-faqar, hija ma kkontribwitx effettivament għal tnaqqis qawwi fir-rati ta' faqar u għall-iżvilupp tas-sitwazzjoni soċjoekonomika ta' bosta pajjiżi tal-ENP; jinsisti għalhekk li t-tqaċċit tal-faqar u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU (speċjalment rigward saħħa u edukazzjoni) isiru l-miri primarji u globali tal-implimentazzjoni kollha tal-assistenza tal-ENPI;
2. Jinnota li ċ-ċentru fokali globali tal-programmazzjoni tal-ENPI jkun l-iżvilupp ekonomiku u l-faċilitizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ; jitlob li jkun hemm prijoritizzazzjoni tal-programmazzjoni tal-ENPI għall-oqsma tal-iżvilupp tal-koperazzjoni mfissra fl-istrument, bħalma huma l-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, l-iżvilupp u l-protezzjoni soċjali, u l-protezzjoni tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-ambjent;
3. Jinsab imħasseb minħabba l-fatt li l-istati tal-ENP huma fost l-aktar pajjiżi affettwati f'termini ta' demokratizzazzjoni u ksur persistenti tad-drittijiet tal-bniedem; huma mħasseb ukoll li s-soċjetà ċivili u l-partiti tal-oppożizzjoni ma kinux involuti sistematikament u b'mod sinifikattiv fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-ENP u fl-ipprogrammar tal-fondi tal-ENPI minħabba xkiel impost mill-elit tat-tmexxija; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi riżorsi għar-riformi demokratiċi li jippromwovu t-tiŝiħ tal-partiti tal-oppożizzjoni sabiex jegħilbu n-nuqqasijiet fil-proċeduri elettorali u jiggarrantixxu gudiatura indipendenti fil-pajjiżi tal-ENP, kif ukoll biex jinfurzew id-drittijiet tal-bniedem taħt l-ENPI;
4. Jinnota li minkejja l-isforzi f'ċerti pajjiżi tal-ENPI biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex iseddqu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika, miżuri bħal dawn għadhom ma wasslux għal xi titjib sinifikattiv fil-Viċinat tal-Mediterran, u f'ċerti pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod aktar sistematiku l-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-ENPI;
5. Jenfasizza l-importanza tal-proposta ta' Sħubija tal-Lvant, skont il-mudell tal-Unjoni għall-Mediterran; jinnota li s-sħubija tal-Lvant tista' tgħin bil-bosta biex jissoktaw jiżviluppaw il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati tal-Ewropa tal-Lvant bil-għan li jissaħħu d-demokrazija, il-governanza t-tajba u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-istati, kif ukoll il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom;
6. Jipproponi li titwaqqaf assemblea tal-Viċinat tal-Lvant ("Euroeast"), bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, fuq il-mudell tal-assemblei "Euromed" u "Eurolat", li tiddeka

ruħha għall-implimentazzjoni tat-twettiq tal-ENPI fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, jiġifieri fl-Armenja, fl-Ażerbajġan, fil-Ġeorġja, fil-Moldova, fl-Ukraina u fil-Belarus.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.12.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Alessandro Battilocchio, Josep Borrell Fontelles, Danutë Budreikaitë, Marie-Arlette Carlotti, Nirj Deva, Fernando Fernández Martín, Juan Fraile Cantón, Alain Hutchinson, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Horst Posdorf, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Johan Van Hecke
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Csaba Óry, Renate Weber
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Emanuel Jardim Fernandes, Francesco Ferrari, Zita Gurmai, Emilio Menéndez del Valle, Ramona Nicole Mănescu, Justas Vincas Paleckis, Leopold Józef Rutowicz